SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tieni Awla)

tal-21 ta' Diċembru 2016*

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Trade mark tal-Unjoni Ewropea — Regolament (KE) Nru 207/2009 — Artikolu 9(1)(b) — Artikolu 15(1) — Artikolu 51(1)(a) — Portata tad-dritt esklużiv mogħti lill-proprjetarju — Perijodu ta' ħames snin wara r-reġistrazzjoni"

Fil-Kawża C-654/15,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari taħt l-Artikolu 267 TFUE, imressqa mill-Högsta domstolen (qorti suprema, l-Isvezja), permezz ta' deċiżjoni tat-3 ta' Diċembru 2015, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fis-7 ta' Diċembru 2015, fil-proċedura

Länsförsäkringar AB

vs

Matek A/S,

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tieni Awla),

komposta minn M. Ilešič (Relatur), President tal-Awla, A. Prechal, A. Rosas, C. Toader u E. Jarašiūnas, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: M. Campos Sánchez-Bordona,

Reġistratur: A. Calot Escobar,

wara li rat il-proċedura bil-miktub,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

— għal Matek A/S, minn S. Wendén u M. Yngner, avukati,

— għall-Kummissjoni Ewropea, minn T. Scharf u K. Simonsson, bħala aġenti,

wara li rat id-deċiżjoni, meħuda wara li nstema' l-Avukat Ġenerali, li l-kawża tinqata' mingħajr konklużjonijiet,

tagħti l-preżenti

* Lingwa tal-kawża: l-Isvediż.

Sentenza

1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-Artikolu 9(1)(b) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 207/2009, tas-26 ta' Frar 2009, dwar it-trade mark [tal-Unjoni Ewropea] (ĠU 2009, L 78, p. 1).

2 Din it-talba tressqet fil-kuntest ta' kawża bejn Länsförsäkringar AB u Matek A/S dwar allegat ksur, minn din tal-aħħar, tad-dritt esklużiv li għandha Länsförsäkringar bħala l-proprjetarja ta' trade mark tal-Unjoni Ewropea.

Il-kuntest ġuridiku

3 Il-premessa 10 tar-Regolament Nru 207/2009 tipprovdi li:

"M'hemm ebda ġustifikazzjoni għall-protezzjoni ta' trade marks [tal-Unjoni Ewropea] jew, għall-protezzjoni favur trade mark li tkun ġiet irreġistrata qabel trade mark [tal-Unjoni Ewropea], ħlief fejn it-trade marks ikunu fil-fatt qed jintużaw.

4 L-Artikolu 9(1) ta' dan ir-regolament, intitolat "Id-drittijiet li jirriżultaw minn trade mark [tal-Unjoni Ewropea]" jipprovdi li:

"It-trade mark [tal-Unjoni Ewropea] tagħti lill-proprjetarju d-drittijiet esklussivi fiha. Il-proprjetarju għandu l-jedd li jipprojbixxi lit-terzi persuni kollha li ma jkollhomx il-kunsens tiegħu milli jużaw fil-kummerċ:

[…]

b) kull sinjal fejn, minħabba identiċità jew xebħ mat-trade mark [tal-Unjoni Ewropea] u l-identiċità jew xebħ mal-prodotti jew is-servizzi koperti mit-trade mark [tal-Unjoni Ewropea] u mis-sinjal, tkun teżisti probabbiltà ta' konfużjoni minn naħa tal-pubbliku; il-problabiltà ta' konfużjoni tinkludi wkoll il-probabbiltà li ssir assoċjazzjoni bejn is-sinjal u t-trade mark;

[…]"

5 L'Artikolu 15(1) tal-imsemmi regolament, intitolat "L-użu ta' trade marks [tal-Unjoni Ewropea]" huwa fformulat kif ġej:

"Jekk, fi żmien ħames snin wara r-reġistrazzjoni, il-proprjetarju ma jkunx għamel użu ġenwin mit-trade mark [tal-Unjoni Ewropea] fil-Unjon f'konnessjoni mal-prodotti jew mas-servizzi li għalihom tkun reġistrata, jew jekk dan l-użu jkun ġie sospiż għal perjodu kontinwu ta' ħames snin, it-trade mark [tal-Unjoni Ewropea] għandha tkun soġġetta għas-sanzjonijiet li jipprovdi dan ir-Regolament, sakemm ma jkunx hemm raġunijiet xierqa għal dan in-nuqqas ta' użu.

[…]"

6 L-Artikolu 51 ta' dan l-istess regolament, intitolat "Raġunijiet għal revoka", jipprevedi:

"1. Id-drittijiet tal-proprjetarju ta' trade mark [tal-Unjoni Ewropea] għandhom jiġu ddikjarati bħala revokati malli ssir applikazzjoni lill-Uffiċċju [tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)] jew fuq il-bażi ta' kontrotalba fi proċedimenti ta' vjolazzjoni:

(a) jekk, għal perjodu kontinwu ta' ħames snin, ma jkunx sar użu ġenwin mit-trade mark [fl-Unjoni] f'konnessjoni mal-prodotti jew servizzi li għalihom hija tkun reġistrata, u ma jkunx hemm raġunijiet siewja għal dan in-nuqqas ta' użu; madanakollu, l-ebda persuna ma tista' titlob li d-drittijiet tal-proprjetarju fit-trade mark [tal-Unjoni Ewropea] jiġu revokati jekk, waqt l-intervall bejn l-iskadenza tal-perjodu ta' ħames snin u l-preżentata tal-applikazzjoni jew tal-kontrotalba, użu ġenwin tat-trade mark ikun beda jew issokta; il-bidu jew l-issoktar ta' użu waqt perjodu ta' tliet xhur qabel il-preżentata tal-applikazzjoni jew tal-kontrotalba li jkun beda l-iktar kmieni mal-iskadenza tal-perjodu kontinwu ta' ħames snin ta' nuqqas ta' użu għandu, madanakollu, ma jiġix meqjus jekk il-preparamenti għall-bidu jew għall-issoktar iseħħu biss wara li l-proprjetarju jsir jaf li l-applikazzjoni jew il-kontrotalba jistgħu jiġu preżentati;

[…]

2. Meta r-raġunijiet ta' revoka ta' drittijiet jeżistu biss fir-rigward ta' xi wħud biss mill-prodotti jew servizzi li għalihom it-trade mark [tal-Unjoni Ewropea] hija reġistrata, id-drittijiet tal-proprjetarju għandhom jiġu dikjarati bħala revokati fir-rigward ta' dawk il-prodotti jew servizzi biss."

7 L-Artikolu 55(1) tar-Regolament Nru 207/2009, intitolat "Il-konsegwenzi ta' revoka u ta' invalidità" jipprovdi li:

"It-trade mark [tal-Unjoni Ewropea] għandha titqies li ma kellhiex, sa mid-data tal-applikazzjoni għal revoka jew tal-kontrotalba, l-effetti speċifikati minn dan ir-Regolament, sa fejn id-drittijiet tal-proprjetarju jkunu ġew revokati. Tista' tiġi iffissata data preċedenti meta waħda mir-raġuinijiet għar-revoka tkun seħħet, fid-deċiżjoni fuq talba ta' waħda mill-partijiet.

8 Skont l-Artikolu 99 ta' dan ir-regolament, intitolat "Il-preżunzjoni ta' validità – Id-difiża fir-rigward tal-merti":

"1. Il-qrati tat-trade marks [tal-Unjoni Ewropea] għandhom jikkunsidraw it-trade mark [tal-Unjoni Ewropea] bħala valida sakemm il-validità tagħha ma tiġix kontestata mill-konvenut permezz ta' kontrotalba għal revoka jew għal dikjarazzjoni ta' invalidità.

[…]

3. Fil-kawżi msemmija fl-Artikolu 96(a) u (c), eċċezzjoni li tirrigwarda r-revoka jew l-invalidità ta' trade mark [tal-Unjoni Ewropea] li ma tkunx saret permezz ta' kontrotalba hija ammissibli biss jekk il-konvenut jallega li d-drittijiet tal-proprjetarju tat-trade mark [tal-Unjoni Ewropea] jistgħu jiġu revokati minħabba nuqqas ta' użu jew li l-istess trade mark [tal-Unjoni Ewropea] tista' tiġi iddikjarata invalida minħabba dritt preċedenti tal-konvenut."

9 Ir-Regolament Nru 207/2009 ġie emendat bir-Regolament (UE) 2015/2424 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-16 ta' Diċembru 2015 (ĠU 2015, L 341, p. 21), li daħal fis-seħħ fit-23 ta' Marzu 2016.

10 Bis-saħħa ta' dan ir-regolament tal-aħħar, l-Artikolu 99(3) tar-Regolament Nru 207/2009 ġie ssostitwit bit-test li ġej:

"Fl-azzjonijiet imsemmija fil-punti (a) u (c) tal-Artikolu 96, appell relatat ma' revoka ta' trademark tal-UE mressaq b'mezz ieħor u mhux permezz ta' kontrotalba għandu jkun ammissibbli fejn il-konvenut jiddikjara li t-trademark tal-UE tista' tiġi revokata minħabba nuqqas ta' użu ġenwin fiż-żmien meta saret l-azzjoni ta' vjolazzjoni."

Il-kawża prinċipali u d-domandi preliminari

11 Länsförsäkringar, li teżerċita attivitajiet fl-oqsma tas-servizzi bankarji, ta' fondi u ta' assigurazzjoni, hija l-proprjetarja tad-trade mark tal-Unjoni Ewropea figurattiva Nru 005423116. Din it-trade mark ġiet irreġistrata fl-4 ta' Jannar 2008 b'mod partikolari għal servizzi li jaqgħu fil-klassijiet 36 u 37 fis-sens tal-Ftehim ta' Nice dwar il-klassifikazzjoni internazzjonali ta' prodotti u servizzi għall-finijiet tar-reġistrazzjoni ta' trade marks, tal-15 ta' Ġunju 1957, kif rivedut u emendat (iktar 'il quddiem il-"Ftehim ta' Nice"). Din ir-reġistrazzjoni tkopri, għal dak li jikkonċerna l-klassi 36, fost oħrajn, il-kwistjonijiet ta' proprjetà immobbli, l-istimi ta' proprjetà immobbli, il-kiri ta' appartamenti u ta' ħwienet kummerċjali kif ukoll il-ġestjoni ta' proprjetà immobbli u, għal dak li jikkonċerna l-klassi 37, il-bini, it-tiswija u l-manutenzjoni, kif ukoll is-servizzi ta' installazzjoni.

12 L-attività prinċipali ta' Matek tikkonsisti fil-manifattura u l-immuntar ta' djar tal-injam. Fil-kuntest ta' din l-attività, din il-kumpannija bdiet tuża, matul is-sena 2007, logo li hija rreġistrat matul is-sena 2009 għall-prodotti li jaqgħu fil-klassi 19 fis-sens tal-Ftehim ta' Nice, li tkopri l-"materjali għall-bini mhux tal-metall, pajpijiet riġidi mhux tal-metall għall-bini; asfalt, żift u bitum; bini trasportabbli mhux tal-metall; monumenti mhux tal-metall".

13 Billi qieset li, minħabba l-użu ta' dan il-logo matul is-snin 2008 sa 2011, Matek kisret id-dritt esklużiv mogħti mit-trade mark tal-Unjoni Ewropea li tagħha hija l-proprjetarja, Länsförsäkringar ressqet quddiem l-iStockholms tingsrätt (qorti tal-prim'istanza ta' Stokkolma, l-Isvezja) talba bbażata fuq l-Artikolu 9(1)(b) tar-Regolament Nru 207/2009, intiża sabiex, taħt piena ta' pagamenti ta' penalità, Matek tiġi pprojbita milli tuża fl-Isvezja, fil-kummerċ, sinjali simili għal din it-trade mark. Din it-talba intlaqgħat mill-iStockholms tingsrätt (qorti tal-prim'istanza ta' Stokkolma).

14 L-iSvea hovrätt (qorti tal-appell ta' Svea, l-Isvezja) annullat din id-deċiżjoni. Fil-fatt, għalkemm il-qorti tal-appell qieset li l-logo użat minn Matek kien simili għat-trade mark tal-Unjoni Ewropea rreġistrata minn Länsförsäkringar, hija madankollu ddeċidiet, bil-kontra tal-iStockholms tingsrätt (qorti tal-prim'istanza ta' Stokkolma), li l-eżami tax-xebh tal-prodotti u tas-servizzi inkwistjoni ma kellux isir fuq il-bażi tar-reġistrazzjoni formali ta' din it-trade mark iżda tal-attività realment eżerċitata mill-proprjetarja. Għaldaqstant, l-iSvea hovrätt (qorti tal-appell ta' Svea) ikkonkludiet, fil-kuntest ta' evalwazzjoni globali, li ma kienx hemm probabbiltà ta' konfużjoni fil-każ ineżami.

15 Länsförsäkringar appellat quddiem il-qorti tar-rinviju, il-Högsta domstolen (qorti suprema, l-Isvezja), filwaqt li sostniet li l-evalwazzjoni tal-probabbiltà ta' konfużjoni, fis-sens tal-Artikolu 9(1)(b) tar-Regolament Nru 207/2009, għandha tkun ibbażata, matul il-perijodu ta' ħames snin ta' wara r-reġistrazzjoni ta' trade mark tal-Unjoni Ewropea, esklużivament fuq din ir-reġistrazzjoni u mhux fuq l-użu reali ta' din it-trade mark.

16 Skont il-qorti tar-rinviju, il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja ma tippermettix li tiġi ddeterminata l-importanza li għandha tingħata, għall-finijiet tal-applikazzjoni tal-Artikolu 9(1)(b) tar-Regolament Nru 207/2009, lir-reġistrazzjoni fir-rigward tal-użu reali ta' trade mark tal-Unjoni Ewropea fil-każ li terz juża, mingħajr awtorizzazzjoni, fil-kummerċ, sinjal li jixbah lil tali trade mark matul il-perijodu ta' ħames snin ta' wara r-reġistrazzjoni tagħha.

17 F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Högsta domstolen (qorti suprema) iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri quddiemha u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari li ġejjin:

"1) Id-dritt esklużiv tal-proprjetarju huwa affettwat mill-fatt li, f'perijodu ta' ħames snin wara r-reġistrazzjoni, huwa ma jkunx għamel użu ġenwin tat-trade mark [tal-Unjoni Ewropea] fl-Unjoni Ewropea għal prodotti jew servizzi koperti mir-reġistrazzjoni?

2) Jekk it-tweġiba għall-ewwel domanda hija fl-affermattiv, f'liema ċirkustanzi u b'liema mod dik is-sitwazzjoni taffettwa d-dritt esklużiv?"

Fuq id-domandi preliminari

18 Permezz tad-domandi tagħha, li għandhom jiġu eżaminati flimkien, il-qorti tar-rinviju essenzjalment tistaqsi jekk l-Artikolu 9(1)(b) tar-Regolament Nru 207/2009 għandux jiġi interpretat fis-sens li, matul il-perijodu ta' ħames snin ta' wara r-reġistrazzjoni ta' trade mark tal-Unjoni Ewropea, il-proprjetarju tagħha jista', fil-każ ta' probabbiltà ta' konfużjoni, jipprojbixxi lil terzi milli jużaw, fil-kummerċ, sinjal identiku jew li jixxiebah għat-trade mark tiegħu għall-prodotti u servizzi kollha identiċi jew li jixxiebhu għal dawk li għalihom ġiet irreġistrata din it-trade mark, mingħajr ma għandu jipprova użu ġenwin tal-imsemmija trade mark għal dawn il-prodotti u dawn is-servizzi.

19 Matek tqis li l-Artikolu 9(1)(b) tar-Regolament Nru 207/2009 japplika biss jekk it-trade mark tal-Unjoni Ewropea inkwistjoni hija effettivament użata.

20 Bil-kontra, il-Kummissjoni Ewropea tqis li minn qari flimkien ta' din id-dispożizzjoni mal-Artikolu 15(1) u l-Artikolu 51(1)(a) ta' dan ir-regolament, jirriżulta li d-dritt esklużiv mogħti lill-proprjetarju matul perijodu ta' ħames snin li jiddekorri mid-data tar-reġistrazzjoni ta' din it-trade mark japplika għall-prodotti u s-servizzi kollha li għalihom din ġiet irreġistrata, tkunx ġiet użata b'mod ġenwin fl-Unjoni għal dawn il-prodotti jew dawn is-servizzi jew le. Wara l-iskadenza ta' dan il-perijodu, hija r-responsabbiltà tal-konvenut fi proċedimenti ta' vjolazzjoni li jsostni, skont l-Artikolu 99(3) tal-imsemmi regolament, li d-drittijiet tal-proprjetarju jistgħu jiġu rrevokati minħabba nuqqas ta' użu ġenwin tal-imsemmija trade mark.

21 Mill-fajl sottomess lill-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li l-qorti tar-rinviju tixtieq b'mod partikolari ssir taf jekk, matul il-perijodu ta' ħames snin ta' wara r-reġistrazzjoni ta' trade mark tal-Unjoni Ewropea, ix-xebh tal-prodotti u tas-servizzi inkwistjoni u, għaldaqstant, l-eżistenza ta' probabbiltà ta' konfużjoni, fis-sens tal-Artikolu 9(1)(b) tar-Regolament Nru 207/2009, għandhomx jiġu evalwati b'teħid inkunsiderazzjoni tal-prodotti u servizzi kollha li għalihom ġiet irreġistrata din it-trade mark jew, bil-kontra, fuq il-bażi biss ta' prodotti u servizzi li għalihom il-proprjetarju diġà għamel użu ġenwin mill-imsemmija trade mark.

22 Skont l-Artikolu 9(1)(b) tar-Regolament Nru 207/2009, il-proprjetarju ta' trade mark tal-Unjoni Ewropea huwa intitolat jipprojbixxi lil kull terz, li ma għandux il-kunsens tiegħu, milli juża, fil-kummerċ, sinjal li fir-rigward tiegħu, minħabba l-identiċità jew ix-xebh tiegħu ma' din it-trade mark u minħabba l-identiċità jew ix-xebh tal-prodotti jew tas-servizzi koperti minnha u mis-sinjal, teżisti, f'moħħ il-pubbliku, probabbiltà ta' konfużjoni.

23 Għalkemm din id-dispożizzjoni ma tinkludi ebda preċiżjoni dwar l-użu li l-proprjetarju għandu jkun għamel mit-trade mark tal-Unjoni Ewropea tiegħu sabiex ikun jista' jinvoka d-dritt esklużiv mogħti minnha, l-Artikolu 15(1) tar-Regolament Nru 207/2009 jipprevedi, min-naħa l-oħra, li fil-każ li, f'terminu ta' ħames snin li jibda jiddekorri mir-reġistrazzjoni tagħha, il-proprjetarju ma jkunx għamel użu ġenwin fl-Unjoni mit-trade mark tal-Unjoni Ewropea għall-prodotti u għas-servizzi li għalihom

tkun ġiet irreġistrata, jew jekk tali użu jkun ġie sospiż għal perijodu kontinwu ta' ħames snin, din it-trade mark għandha tkun suġġetta għas-sanzjonijiet li jipprovdi dan ir-regolament, sakemm dan il-proprjetarju ma jkunx jista' jinvoka raġunijiet xierqa għal dan in-nuqqas ta' użu.

24 F'dan ir-rigward, l-Artikolu 51(1)(a) tar-Regolament Nru 207/2009 jipprovdi li, f'tali każ u bla ħsara għal preċiżjonijiet ulterjuri previsti minnu, id-drittijiet tal-proprjetarju tat-trade mark tal-Unjoni Ewropea għandhom jiġu ddikjarati rrevokati, fuq applikazzjoni lill-EUIPO jew fuq il-bażi ta' kontrotalba fi proċedimenti ta' vjolazzjoni. L-Artikolu 51(2) ta' dan ir-regolament jippreċiża, barra minn hekk, li meta r-raġunijiet ta' revoka ta' drittijiet jeżistu biss fir-rigward ta' xi wħud biss mill-prodotti jew servizzi li għalihom it-trade mark ġiet irreġistrata, id-drittijiet tal-proprjetarju għandhom jiġu ddikjarati bħala rrevokati fir-rigward ta' dawk il-prodotti jew servizzi biss.

25 Billi fl-Artikolu 15(1) u fl-Artikolu 51(1)(a) tar-Regolament Nru 207/2009 jistabbilixxi regola għar-revoka tat-trade mark tal-Unjoni Ewropea għal nuqqas ta' użu fuq perijodu ta' ħames snin, il-leġiżlatur tal-Unjoni ried, hekk kif jirriżulta mill-premessa 10 ta' dan ir-regolament, jissuġġetta ż-żamma tad-drittijiet marbuta mat-trade mark tal-Unjoni Ewropea għall-kundizzjoni li hija tkun effettivament użata. Din il-kundizzjoni hija spjegata mill-kunsiderazzjoni li ma jkunx iġġustifikat li trade mark mhux użata tostakola l-kompetizzjoni billi tirrestrinġi l-firxa ta' sinjali li jistgħu jiġu rreġistrati minn oħrajn bħala trade mark u billi tiċħad lill-kompetituri mill-possibbiltà li jużaw sinjal identiku jew li jixxiebah għal din it-trade mark meta jqiegħdu fis-suq intern prodotti jew servizzi identiċi jew li jixxiebhu għal dawk protetti mit-trade mark inkwistjoni (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tad-19 ta' Diċembru 2012, Leno Merken, C-149/11, EU:C:2012:816, punt 32, u tas-26 ta' Settembru 2013, Centrotherm Systemtechnik vs UASI u centrotherm Clean Solutions, C-610/11 P, EU:C:2013:593, punt 54).

26 Mill-kliem u mill-għan tal-Artikolu 15(1) u tal-Artikolu 51(1)(a) u (2) tar-Regolament Nru 207/2009 jirriżulta li, sa ma jiskadi t-terminu ta' ħames snin wara r-reġistrazzjoni tat-trade mark tal-Unjoni Ewropea, id-drittijiet tal-proprjetarju ma jistgħux jiġu ddikjarati rrevokati għal uħud mill-prodotti u servizzi jew għall-prodotti u servizzi kollha li għalihom ġiet irreġistrata din it-trade mark. Għaldaqstant dawn id-dispożizzjonijiet jagħtu lill-proprjetarju terminu ta' grazzja sabiex jibda jagħmel użu ġenwin mit-trade mark tiegħu, li matulu huwa jista' jinvoka dritt esklużiv mogħti minnha, skont l-Artikolu 9(1) ta' dan ir-regolament, għal dawn il-prodotti u servizzi kollha, mingħajr ma għandu għalfejn jipprova tali użu.

27 Għaldaqstant, sabiex jiġi ddeterminat, skont l-Artikolu 9(1)(b) tal-imsemmi regolament, jekk il-prodotti jew is-servizzi tal-allegat awtur tal-vjolazzjoni humiex identiċi jew jixxiebhux għall-prodotti jew għas-servizzi koperti mit-trade mark tal-Unjoni Ewropea inkwistjoni, għandha tiġi evalwata, matul il-perijodu ta' ħames snin ta' wara r-reġistrazzjoni tat-trade mark tal-Unjoni Ewropea, il-portata tad-dritt esklużiv mogħti minn din id-dispożizzjoni b'teħid inkunsiderazzjoni tal-prodotti u servizzi, kif koperti mir-reġistrazzjoni tat-trade mark, u mhux fir-rigward tal-użu li l-proprjetarju seta' għamel minn din it-trade mark matul dan il-perijodu.

28 Fl-aħħar nett, għalkemm mill-iskadenza tat-terminu ta' ħames snin wara r-reġistrazzjoni tat-trade mark tal-Unjoni Ewropea l-portata ta' dan id-dritt esklużiv tista' tiġi affettwata mill-konstatazzjoni, wara kontrotalba jew difiża tal-merti magħmula minn terz fil-kuntest ta' proċedimenti ta' vjolazzjoni, li l-proprjetarju għadu ma bediex, sa dak il-mument, jagħmel użu ġenwin mit-trade mark tiegħu għal uħud mill-prodotti u servizzi jew għall-prodotti u servizzi kollha li għalihom hija ġiet irreġistrata, għandu madankollu jiġi kkonstatat li mid-deċiżjoni tar-rinviju ma jirriżultax li tali hija s-sitwazzjoni fil-każ ineżami u li l-qorti tar-rinviju qed tfittex xi kjarifiki rigward dan is-suġġett.

29 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet kollha preċedenti, ir-risposta għad-domandi magħmula għandha tkun li l-Artikolu 9(1)(b) tar-Regolament Nru 207/2009, moqri flimkien mal-Artikolu 15(1) u mal-Artikolu 51(1)(a) ta' dan ir-regolament, għandu jiġi interpretat fis-sens li, matul il-perijodu ta' ħames snin ta' wara r-reġistrazzjoni ta' trade mark tal-Unjoni Ewropea, il-proprjetarju tagħha jista',

fil-każ ta' probabbiltà ta' konfużjoni, jipprojbixxi lil terzi milli jużaw, fil-kummerċ, sinjal identiku jew li jixxiebah għat-trade mark tiegħu għall-prodotti u servizzi kollha identiċi jew li jixxiebhu għal dawk li għalihom ġiet irreġistrata din it-trade mark, mingħajr ma għandu jipprova użu ġenwin tal-imsemmija trade mark għal dawn il-prodotti u dawn is-servizzi.

Fuq l-ispejjeż

30 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija din il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, barra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tieni Awla) taqta' u tiddeċiedi:

L-Artikolu 9(1)(b) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 207/2009, tas-26 ta' Frar 2009, dwar it-trade mark [tal-Unjoni Ewropea], moqri flimkien mal-Artikolu 15(1) u mal-Artikolu 51(1)(a) ta' dan ir-regolament, għandu jiġi interpretat fis-sens li, matul il-perijodu ta' ħames snin ta' wara r-reġistrazzjoni ta' trade mark tal-Unjoni Ewropea, il-proprjetarju tagħha jista', fil-każ ta' probabbiltà ta' konfużjoni, jipprojbixxi lil terzi milli jużaw, fil-kummerċ, sinjal identiku jew li jixxiebah għat-trade mark tiegħu għall-prodotti u servizzi kollha identiċi jew li jixxiebhu għal dawk li għalihom ġiet irreġistrata din it-trade mark, mingħajr ma għandu jipprova użu ġenwin tal-imsemmija trade mark għal dawn il-prodotti u dawn is-servizzi.

Firem